**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002**

**Avviz Numru 1426/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Aimen Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm931.00) rappresentanti import ta' disa' kambjali, wahda ta' Lm75.00 (bilanc), u tmienja ta' Lm107 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 9).
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm26.00, oltrre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffucjali tat-22 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fil-5 ta’ Lulju 2002 fejn huwa ammeta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm931.00) lira Maltin, bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra uffucjali tat-22 ta’ Frar 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**